# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

| |
|---|
| **Għażla tas-Suġġett**: L-Ospitalità<br><br>*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*<br>**Applikata: ____**<br>**Akkademika**: ___<br>**Vokazzjonali:** ___x_ |
| **Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**<br>L-istudenti huma esposti għal aspetti differenti fl-industrija tal-Ospitalità u t-Turiżmu u se jkunu jistgħu jesploraw dipartimenti differenti, kulinari u mhumiex. L-istudenti jinvestigaw rwoli ta' xogħol differenti fl-industrija u se jkunu jistgħu jitgħallmu dwar komunikazzjoni xierqa u servizz għall-konsumatur. L-istudenti se jkunu qed jitgħallmu billi jagħmlu affarijiet prattiċi u riċerka dwar it-temi diskussi matul il-lezzjonijiet. |
| **Lista ta' temi studjati:**<br>*a. Tipi differenti ta' turisti u turiżmu*<br>*b. Fatturi li jaffettwaw it-turiżmu u l-ekonomija lokali*<br>*ċ. Rwoli u dmirijiet fuq il-post taxx-xogħol fl-industrija tal-Ospitalità*<br>*d. Komunikazzjoni u kura tal-klijent*<br>*e. Nutrizzjoni bażika*<br>*f. L-iġjene tal-ikel fuq il-post tax-xogħol.*<br>*ġ. Tħejjija u tisjir ta' prodotti tal-ikel differenti*<br>*g. Id-dipartiment tal-pastiċċerija.*<br>*għ. Is-servizz fir-restoranti*<br>*h. Kif joperaw il-lukandi.* |
| **Attivitajiet involuti fil-klassi:**<br>L-attivitajiet tal-klassi huma varji skont it-tema li tkun qed tiġi koperta. Role plays, preżentazzjonijiet, esperimenti, intervisti, reġistrazzjoni ta' vidjo, dimostrazzjoni tat-tisjir, kelliema mistiedna u kif tagħmel il-kafè u xorb mhux alkoħoliku huma wħud mill-attivitajiet li jsiru waqt lezzjonijiet tal-Ospitalità. |
| **Xogħol assenjat għad-dar:**<br>Normalment ix-xogħol tad-dar isir fil-forma ta' riċerka u tħejjija għal-lezzjonijiet li jmiss u għall-ippjanar tal-avvenimenti. It-tħejjija għal ħidmiet prattiċi bħal preparazzjoni għal xi intervista jew sessjonijiet tat-tisjir għandhom jiġu pprattikati d-dar qabel l-assessjar tax-xogħol prattiku fl-iskola. Il-biċċa l-kbira tax-xogħol assenjat għall-assessjar għandu jitkompla d-dar. |
| **Assessjar mogħti:**<br>**Ospitalità fir-rotta Vokazzjonali-**<br>• Żewġ kompitu li jġorru 30% tal-marka kull wieħed jingħataw kull sena.<br>• Assessjar ikkontrollat wieħed (eżami bil-miktub) li għandu 40% tal-marka annwali jsir fl-aħħar ta' kull sena skolastika.<br>• Il-marki totali ta' dawn it-tliet valutazzjonijiet f'kull sena jissarrfu fir-riżultat tas-SEC fl-Ospitalità Vokazzjonali. |

| |
|---|
| **Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**<br>*a.Kapaċitajiet ta' komunikazzjoni.*<br>*b. Ħiliet fl-għajnuna lill-klijenti.*<br>*ċ. Ħiliet kulinari.*<br>*d. Servizzi fl-Ikel u x-xorb.*<br>*e. Ħiliet fil-lingwa.*<br>*f. Ħiliet fil-kitba.*<br>*ġ. Ħiliet soċjali.*<br>*g. Ħiliet ta' riċerka.* |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br>*a. Livell Tajjeb fl-Ingliż jekk jintgħażel is-suġġett tal-Ospitalità Vokazzjonali.*<br>*b. Ħiliet tajbin fl-ICT għall-Ospitalità Vokazzjonali.*<br>*ċ. Il-kapaċità li taħdem f'tim.*<br>*d. Parteċipazzjoni f'attivitajiet tal-iskola fejn l-istudenti tal-Ospitalità se jospitaw avvenimenti.*<br>*e. Interess fil-qasam tal-istudju (Ospitalità u Turiżmu).* |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:**Yanica Gauci |
| **Indirizz Elettroniku**: yanica.gauci@ilearn.edu.mt |